**PARROCCA SANTA MARGERITA—SANNAT**
Tel./Fax : 2155 1435. Email: sannatparish@keyworld.net
Website : www.sannatparish.com

**IL-ĦADD, 9.01.11: FESTA TAL-MAGĦMUDIJA TAL-MULEJ.**
F'din l-okkażjoni llum se nġeddu l-wegħdiet li għamilna fil-magħmudija tagħna.
**IT-TNEJN, 10.1.11: LAQGĦA TAL-GRUPP TA' TALB TAL-IRĠIEL.**
**Fis-6.30p.m.** Issir l-laqgħa tal-Grupp ta' Talb għall-Irġiel. Din tkun fil-knisja.
Nistiednu lill-irġiel kollha biex jieħdu sehem magħna f'dawn il-laqgħat sbieħ.
**IT-TLIETA, 11.1.11: GRUPP TAL-KELMA TA' ALLA**
**Fis-6.30p.m.** Issir l-laqgħa tal-Grupp tal-Kelma ta' Alla. Din tkun fis-Sala tad-Dar Parrokkjali.
**IL-ĦAMIS, : ADORAZZJONI**
Infakkru li kull nhar ta' Ħamis wara l-quddiesa ta' filghaxija jkun ftit ħin ta' adorazzjoni quddiem Ġesu Sagramentat. Agħmel fti sforz u ibda ħu sehem fiha u żgur li tieħu miegħek xi ftit konsolazzjoni.
**IS-SIBT, 15.1.11: KORS GĦALL-GĦARAJJES.**
**Fit-7.45p.m.** Se ssir laqgħa oħra ta' tħejjija għaż-żwieġ u l-ħajja tal-familja. Din tkun fid-Dar Parrokkjali.
**IL-ĦADD, 16.1.11: IT-TIENI ĦADD MATUL IS-SENA**
**JUM L-ART IMQADDSA**
Il-ġbir li jsir lluim fil-knisja ikun kollu għall-Missjoni tal-Patrijiet Franġiskani fl-Art Imqaddsa.
**GĦOTI TAD-DEMM**
Illum min jixtieq jagħti d-demm iċ-Ċentru tad-demm fl-isptar se jkun miftuħ bejn it-8.00a.m. u is-1.00p.m.

**APPLIKAZZJONI GĦAD-DĦUL FIL-KINDER 1 FL-ISKEJJEL TAL-KNISJA F'GĦAWDEX**
**SENA SKOLASTIKA 2011-2012**
Is-Segretarjat għall-Edukazzjoni u l-Kultura javża li se joħorġu l-applikazzjonijiet għad-Dħul fil-Kinder 1 fl-iskejjel tal-Knisja f'Għawdex għas-sena skolastika 2011-2012. It-tfal li jiġu reġistrati jridu jkunu twieldu fis-sena 2008.
**Il-formoli tal-applikazzjoni għandhom jinġabru mill-Kurja ta' Għawdex** it-Tnejn, l-Erbgħa u l-Ġimgħa, **17, 19 u 21 ta' Jannar 2011**, bejn id-9.00 u l-11.00 ta' filgħodu. L-applikazzjonijiet jinġabru mill-uffiċċju tar-*Receptionist* kif tidħol il-Kurja.
**Il-formoli tal-applikazzjoni, mimlija kif suppost u bid-dokumenti meħtieġa magħhom, iridu jiġu ppreżentati fl-istess post** fil-Kurja l-ġimgħa ta' wara, jiġifieri t-Tnejn, l-Erbgħa u l-Ġimgħa **24, 26 u 28 ta' Jannar 2011**, bejn id-9.00 u l-11.00 ta' filgħodu.
**AVVIZ DHUL FL-ISKEJJEL TAL-KNISJA – KINDER 1 GHALL-PARROCCI TAX-XAGHRA, NADUR U QALA**

Il-genituri li jixtiequ jdahhlu lill-uliedhom fil-Kinder 1 ta' St. Francis tax-Xaghra, tan-Nadur u Qala jeħtieg li jiktbu lill-uliedhom ukoll fl-applikazzjonijiet li hergin f'dawn il-granet fil-Kurja.

## KORS GĦAL-LETTURI U ANIMATURI.
Nhar il-Ħadd 16 ta' Jannar, fil-parroċċa tagħna se nibdew Kors għal-Letturi u Animaturi tal-quddies tal-Ħadd.
Dan se jkun fis-sala tad-Dar Parrokkjali u jibda wara l-quddiesa ta' l-10.30a.m.
Nistieden lil-Letturi kollha u Animaturi, u anke saċerdoti biex jieħdu sehem fiħ, ħalli l-kelma ta' Alla inwassluha b'mod dejjem aħjar u b'dinjita'